***Pubblikazzjoni ta' Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Abbozz Nru. 138)***

6 ta' Lulju 2020

L-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija kien ippubblikat bħala suppliment fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,433 (datata 3 ta' Lulju 2020). L-Abbozz kien imressaq fil-Parlament mill-Onorevoli Alex Muscat, Segretarju Parlamentari għaċ-Ċittadinanza u l-Komunitajiet, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tat-30 ta' Ġunju 2020.

L-iskop ta' dan l-Abbozz hu sabiex jipprovdi bażi legali ċara għall-għoti taċ-ċittadinanza bin-naturalizzazzjoni permezz ta' servizzi eċċezzjonali u biex jestendi s-setgħat tar-Regolatur biex jinvestiga lmenti sottomessi relattivament għar-rifjut ta' applikazzjonijiet.

L-Abbozz hu aċċessibbli hawn.